**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, il-Hamis 19 ta' Novembru 2020**

**Rik. Gur. Nru.: 21/2019 JPG**

**Kawza Nru.: 18**

**CD**

**Vs**

**1. DD**

**2. MD**

**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CD, datat 23 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi tul iz-zwieg tieghu ma l-intimata CD twieldet l-intimata DD f'X.*

2. *Illi l-intimata DD kienet giet registrata fir-Registru Pubbliku mill-esponenti stess b'Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni (Y) tas-sena (X) li jindika lill-esponenti CD bhala l-missier naturali; (Dok A)*

3. *Illi minkejja li l-intimata DD giet registrata bhala t-tifla naturali ta' l-esponent CD stante li twieldet matul iz-zwieg ma l-intimata MD, l-esponent sussegwenti ghal test genetiku li sar (Dok D) skopra li l-intimata DD ma hijiex il-wild naturali tieghu.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati, ghar-ragunijiet suesposti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri DD ma hijiex il-wild naturali ta' l-esponenti CD;*

2. *Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid ta' l-intimata DD, bin-numru ta' iskrizzjoni (Y) tas-sena (X), jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem CD u l-konnotati jigu sostitwiti bil-kliem: 'Missier Mhux Maghruf'.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimati jew min minnhom ingunti minn issa ghas-subbizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 7 ta' Frar 2019, a fol 9 li taqra hekk:

1. *Illi bla ħsara għas-suespost u in vena preliminari ukoll, l-esponenti teċċepixxi illi l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu huwa qed isejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-attur għandu jiddikjara tali artikolu, salv pero' li l-istess esponent jirriserva d-dritt tiegħu sabiex jekk ikun il-każ tissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess u preliminarjament ukoll, l-attur irid jegħleb il-prezunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentament juru li l-pussess ta' stat ta' DD ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;*

3. *Illi bla ħsara għal premess u preliminarjament, stante li DD ġiet imnissla u mwielda fiż-żwieġ, l-esponent teċċepixxi illi għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega sabiex l-attur jkun f'pożizzjoni li jipproċedi b'din l-azzjoni u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid ta' DD għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attur ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi b'din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attur għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

5. *Illi stante tali azzjoni si tratta proprju denegata paternita', l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn tal-anqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan l-għan, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet ġenetiċi ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jindika li huwa ma huwiex il-missier naturali ta' DD;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara ghal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem l-attur stess fl-att tat-twelid ta' DD, senjatement taħt il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm u ta' min għamel id-dikjarazzjoni, għandhom jiġu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni (Y/X);*

7. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' DD, datata 22 ta' Frar 2019, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti twieldet nhar X minn zwieg bejn l-intimata MD u r-rikorrenti CD;*

2. *Illi l-esponenti dejjem gharfet lill-attur CD bhala missierha u qatt ma saret taf lil xi bniedem iehor bhala missierha tul hajjitha kollha, liema haga hija reciproka tant li l-attur dejjem gharaf lill-esponenti bhala bintu;*

3. *Illi z-zwieg bejn l-attur CD u l-intimata MD ma kienx wiehed felici u l-esponenti dejjem tiftakar lill-ommha mhux kuntenta f'dan iz-zwieg sakemm isseparaw legalment;*

4. *Illi l-attur CD fl-2004 kien gieghel lill-esponenti taghmel test genetiku sabiex jikkonferma jekk l-esponenti hix verament bintu naturali jew le, liema test jinsab anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala "Dok. B". Illi l-iskop ta' dan it-test kien biex jigi pprezentat fil-mori ta' kawza ohra bejn l-attur u l-konvenuta Carmen Dimech. Kopja tas-sentenza qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. "X";*

5. *Illi l-esponenti ghandu dubji serji fuq il-veracita' u l-attendibilita' ta' dan it-test stante li CD kien huwa personali ordna t-test, mar huwa personali ghar-rizultati u anke qatt ma kien halla lill-esponenti tara r-rizultati ta' dan it-test, u ghalhekk ma kienx hemm garanziji xierqa li tali test huwa imparzjali u indipendenti;*

6. *Illi l-esponenti llum il-gurnata ghanda X sena u ilha tuza l-kunjom "D" ghal hajjitha kollha u ghalhekk dan l-istat ta' fatt ser ikun difficli biex jinbidel;*

*Illi tant dikjarat, l-esponenti teccepixxi dan li gej:*

1. *Preliminarjament, in-nullita tar-rikors promotur stante li l-attur ma ottjeniex il-permess tal-Qorti sabiex imexxi b'din il-kawza a tenur tal-art. 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta meta hu car mill-premessi li t-terminu sabiex wiehed imexxi b'kawza bhal dik odjerna ilu li skada;*

2. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal-premess, illi t-test xjentifiku mhuwiex attendibbli ghar-ragunijiet gravi kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza u fi kwalunkwe kaz mhuwiex guramentat u ghalhekk se mai ghandhom isiru testijiet xjentifici indipendenti b'garanziji xierqa ta' imparzjalita;*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, anke jekk tintlaqa' t-talba attrici, din l-Onorabbli ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha skond il-ligi sabiex il-kunjom tal-esponenti ma jinbidilx b'konsegwenza tal-eventwali sentenza;*

4. *salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat ir-rikors ta' CD datat 6 ta' Marzu 2019, li permezz tieghu talab ghall-awtorizzazzjoni lil din il-Qorti sabiex jipprocedi bil-kawza, kif ukoll rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 2019; (vide fol 34 et seqq.)

Rat illi l-avukat difensur ta' CD informa lill-Qorti li l-istess CD hija kontumaci u irriserva d-drittijiet taghha taht l-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-attur (fol 30) li permezz taghha indika li l-kawza hija msejsa fuq Artikolu 70 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha datat 4 ta' Frar 2020 (vide fol 75 et seqq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet t-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza wara azzjoni prezentata mir-rikorrent sabiex jigi dikjarat illi huwa m'huwiex il-missier bijologiku tal-intimata DD, li llum il-gurnata ghandha tmienja u tletin (X) sena, u cioe azzjoni bbazata fuq l-artikolu 70 tal-Kodici Civili. Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimata DD twieldet waqt iz-zwieg tal-attur mal-intimata MD. Illi fl-2004 kienu saru testijiet xjentifici fuq kampjuni genetici tar-rikorrent u DD mill-liema kien irrizulta li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-istess DD. Minn naha taghha, l-intimata DD tikkontesta l-affidabilita tar-rizultati ta' dan l-ezami genetiku.

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi r-rikorrent naqas milli jitlob l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex jipprocedi b'din l-azzjoni ghaliex it-terminu stabbilit mill-ligi ta' sitt xhur mit-twelid ta' DD ghadda.

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm huwa minnu illi l-attur naqas milli jitlob l-awtorizazzjoni mehtiega ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili, huwa intavola r-rikors opportun fis-6 ta' Marzu 2019, u l-awtorizazzjoni sabiex jipprocedu b'din l-azzjoni inghatat mill-Qorti permezz ta' digriet datat 12 ta' Marzu 2019 (vide fol 35).

Illi ghaldaqstant jidher illi l-atti gew issanati fil-mori tal-kawza u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 81 jipprovdi illi:

> **"(1)** ***Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuhl-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu*."**

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> **"*(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
>
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> "***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***"

Jirrizulta mit-testijiet genetici, li huma l-prova regina f'dawn il-kawzi, maghmula minn Dr. Marisa Cassar, illi r-rikorrent tassew m'huwiex il-missier bijologiku tal-intimata DD. L-intimati ammettew it-talbiet tar-rikorrent permezz ta' zewg noti prezentati fl-atti ta' din il-kawza fis-26 ta' Ottubru 2020 (fol. 92 u fol. 93). Huwa minnu illi meta DD kienet minuri hija trabbiet mir-rikorrent bhala missierha, izda dan ma jfissirx illi l-verita bijologika ghandha tigi injorata. It-testijiet genetici juru inkonfutabbilment illi r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku ta' DD. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent illi jigi dikjarat m'huwiex il-missier bijolgiku ta' DD tinsab pruvata u qed tigi milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "***Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.***"

Il-Qorti rat illi ma saret l-ebda talba sabiex ikun hemm bidla fil-kunjom ta' DD konsegwenti ghad-dikjarazzjoni illi r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku taghha. Ghaldaqstant kunjomha ghandu jibqa' D.

Rigward il-kap tal-ispejjez, ir-rikorrent argumenta illi l-intimati ghandhom ibghatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghaliex ikkontestaw il-kawza u insistew fuq il-hatra ta' espert, minkejja l-fatt li t-testijiet genetici kienu saru fl-2004 u kienu ikkonfermaw illi r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-intimata DD. L-intimata MD argumentat illi hija baqghat kontumaci f'dawn il-proceduri liema stat ta' kontumacja ma tfissirx nuqqas ta' kontestazzjoni u ghalhekk jekk il-Qorti tqis illi ghandha thallas xi spejjez zgur li m'ghandhiex thallas il-maggoranza tal-ispejjez. Minn naha taghha l-intimata DD argumentat illi l-fatt li kkontestat it-talbiet tar-rikorrent u insistiet fuq il-hatra ta' espert indipendenti m'ghandux ifisser li hija ghandha tehel l-ispejjez ta' din il-kawza. Argumentat ukoll li hija, bhala l-wild tar-rikorrent u l-intimata MD ma tahti xejn ghas-sitwazzjoni u trabbiet minghaliha li huma t-tnejn il-genituri taghha u ghalhekk m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa car li l-intimata DD m'ghandhiex tehel l-ispejjez ta' dan il-kawza. Dan ilghaliex tul hajjitha trabbiet bit-twemmin li hija l-wild tar-rikorrent u l-intimata MD u huwa indiskuss li ma tahtix ghas-sitwazzjoni prezenti.

Fir-rigward tal-argument tal-intimata MD dwar il-kontumacja taghha, il-Qorti tirrileva illi l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Malta tikkonferma illi l-kontumacja tammonta proprju ghall-oggezzjoni ghat-talbiet attrici, u ma tirraprezentax nuqqas ta' oggezzjoni. Kien biss meta **hija prezentat in-nota ta' ammissjoni taghha fis-26 ta' Ottubru 2020**, u cioe aktar minn sena wara li bdew il-proceduri, illi jista' legalment jinghad illi hija ma oggezzjonatx ghat-talbiet attrici, u dan nonostante l-fatt illi hija kienet ben konsapevoli tal-fatt li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku ta' bintha DD. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu ta' MD.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li DD ma hijiex il-wild naturali**

**ta' CD u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid tal-istess DD, bin-numru ta' iskrizzjoni Y tas-sena X jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi, fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem CD u l-konnotati tieghu jigu sostitwiti bil-kliem "Missier mhux maghuf," b'dana li l-intimata D ghandha tibqa' zzomm il-kunjom D.**

**L-ispejjez, inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, jithallsu kollha minn MD**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**